MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 10.6.2009
KUMM(2009) 248 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**dwar**

**L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku**

{SEG(2009) 702}
{SEG(2009) 703}
{SEG(2009) 712}

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar**

**L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku**

## 1. INTRODUZZJONI

Tmienja mid-disa' stati li jmissu mal-Baħar Baltiku huma membri tal-Unjoni Ewropea[1]. L-introduzzjoni ta' regoli Komunitarji, u l-opportunitajiet maħluqa mill-istrumenti u l-politiki Komunitarji (pereżempju l-politika ta' koeżjoni, il-politika għal żvilupp sostenibbli, il-politika ambjentali, il-politika marittima integrata, is-suq intern u l-Aġenda ta' Liżbona) fetħu ħafna possibilitajiet ġodda għal koordinazzjoni iktar effettiva ta' attivitajiet, u b'hekk wasslu standards tal-ħajja iktar għoljin liċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri. Madankollu, minkejja l-livelli tajba ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni internazzjonali u interreġjunali, biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet ġodda li tipprovdi sħubija tal-UE l-isfidi li qed jiffċaajaw ir-reġjun għandhom ma ġewx indirizzati b'mod adegwat

Ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa żona eteroġenja ħafna mil-lat ekonomiku, ambjentali u kulturali, iżda l-pajjiżi kkonċernati għandhom ħafna riżorsi komuni u juru interdipendenza konsiderevoli. Dan ifisser li l-azzjonijiet f'żona waħda malajr jista' jkollhom konsegwenzi f'żoni oħra tar-reġjun jew fir-reġjun kollu. F'dawn iċ-ċirkostanzi din iż-żona tista' tkun mudell ta' kooperazzjoni reġjunali fejn ideat u approċċi ġodda jistgħu jiġu ttestjati u żviluppati matul iż-żmien bħala eżempji tal-aħjar prassi.

B'rikonoxximent ta' dan, il-Parlament Ewropew fl-aħħar tal-2006 ppubblika rapport li talab għal strateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Fl-14 ta' Diċembru 2007 il-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet Presidenzjali tiegħu stieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija għall-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku sa mhux iktar tard minn Ġunju 2009. Dan ġie wara d-degradazzjoni li kull ma tmur iktar hija viżibbli tal-Baħar Baltiku nnifsu iżda wkoll minħabba l-ħtieġa li jiġi indirizzat il-potenzjal ta' mezzi differenti ta' żvilupp tal-pajjiżi fir-reġjun u l-benefiċċji potenzjali ta' koordinazzjoni akbar u aħjar.

Il-Kunsill Ewropew lesta tliet parametri għall-Kummissjoni fl-iżvilupp tiegħu tal-istrateġija. Din għandha tkun bla ħsara għall-Politika Marittima Integrata approvata fl-istess Konklużjonijiet, għandha tgħin *inter alia* biex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti ambjentali marbuta mal-Baħar Baltiku u l-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana[2] għandu jipprovdi l-bażi għal-lati interni ta' kooperazzjoni fir-reġjun. Fl-istess Konklużjonijiet, il-Kunsill Ewropew approva l-Politika Marittima Integrata u talab lill-Kummissjoni biex tiżgura li jiġu kkunsidrati l-ispeċifitajiet reġjunali. L-istrateġija attwali għalhekk tikkostitwixxi wkoll l-ewwel pass importanti lejn l-implimentazzjoni reġjunali tal-Politika Marittima Integrata fil-Baltiku.

---

[1] Id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja

[2] Id-Dimensjoni tat-Tramuntana tipprovdi qafas komuni għall-promozzjoni ta' djalogu u kooperazzjoni konkreta fit-Tramuntana tal-Ewropa bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, in-Norveġja u r-Russja.

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-istrateġija mitluba mill-Kunsill Ewropew. L-istrateġija tfittex li tipprovdi kemm rispons ta' qafas koordinat u inklużiv għall-isfidi li qed jiffaċċja ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku kif ukoll soluzzjonijiet konkreti għal dawn l-isfidi. Din għandha tinqara flimkien mal-pjan ta' azzjoni indikattiv. L-istrateġija u l-azzjonijiet proposti u l-proġetti ewlenin tħejjew wara konsultazzjoni intensiva tal-Istati Membri u l-partijiet interessati. Il-Kummissjoni stinkat ukoll biex iżżomm l-istati tar-reġjun li mhumiex membri tal-UE infurmati b'mod sħiħ bit-tħejjijiet għal din l-istrateġija.

## 2. OPPORTUNITAJIET U SFIDI

### 2.1. Sfidi

Bosta sfidi jeħtieġu azzjoni fil-livell tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku: ir-risponsi fil-livell nazzjonali jew lokali jistgħu ma jkunux adegwati. Erba' sfidi ewlenin ġew identifikati li jeħtieġu l-attenzjoni urġenti tagħna. Dawn huma:

- Biex jiġi aġevolat ambjent sostenibbli
- Biex tittejjeb il-prosperità tar-reġjuni
- Biex jittejbu l-aċċessibilità u l-attrazzjoni
- Biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fir-reġjun.

Fuq quddiem fost dawn hemm l-ambjent, enfasizzat mill-Kunsill Ewropew. Għalhekk qed tingħata attenzjoni partikolari għall-impatt tan-nutrijenti żejda fil-Baħar Baltiku nnifsu li jwassal għall ewtrofikazzjoni u algi tossiċi. Hemm ukoll il-ħsara lill-bilanċ ekoloġiku minħabba s-sajd żejjed, it-tniġġis ibbażat fuq l-art, it-temperatura tal-baħar li kull ma tmur dejjem tiżdied, il-preżenza tas-sustanzi perikolużi u pressjonijiet oħra. L-adattament għall-bidla fil-klima wkoll hija sfida li kull ma tmur dejjem qed tikber. Dawn l-impatti issa tant huma mifruxa li l-attivitajiet ta' divertiment u l-użi kummerċjali fuq skala żgħira f'ħafna oqsma qed ibatu.

L-isfidi ekonomiċi ewlenin huma li jingħelbu d-disparitajiet ewlenin (u b'hekk jiġi rrealizzat il-potenzjal għoli) fir-riċerka u l-innovazzjoni produttiva u biex jitneħħa t-tfixkil lis-suq waħdieni. Il-kwistjonijiet ta' prijorità għall-aċċessibilità huma t-titjib tan-netwerks, it-tmiem tal-iżolazzjoni tal-enerġija f'partijiet tar-reġjun, u li tiġi żgurata s-sostenibilità tal-mezzi tat-trasport. Finalment, il-prioritajiet fil-qasam tas-sigurtà huma li jitnaqqsu r-riskji għaċ-ċittadini, l-infrastruttura u l-ambjent tar-reġjun, permezz ta' periklu li ġej minn għadd ta' sorsi, b'mod partikolari t-tniġġis tal-baħar u l-kriminalità organizzata.

### 2.2. L-opportunitajiet

B'mod ċar ir-reġjun għandu potenzjal sinifikanti li jista' jintuża aħjar. Dan jinkludi forza tax-xogħol b'edukazzjoni tajba ħafna, għarfien espert fl-innovazzjoni - speċjalment fl-industriji bbażati fuq l-għarfien - ambjent tal-art spazjuż u relattivament mhux mittiefes rikk fir-riżorsi naturali u bi tradizzjoni qawwija ta' kooperazzjoni intrareġjunali. In-netwerking fost l-aġenziji tal-iffinanzjar għar-riċerka mill-Istati Baltiċi tal-UE kollha, appoġġjat mill-Programm ta' Qafas ta' Riċerka, jipprovdi bażi soda għal kollaborazzjoni għat-trasferiment tar-riċerka u għarfien fi ħdan ir-Reġjun. Il-qafas provdut mill-politiki tal-Unjoni Ewropea u l-liġi tipprovdi bażi soda li fuqu tista' tinbena kooperazzjoni iktar effettiva. Pereżempju, id-deżinjazzjoni tal-

Baħar Baltiku bħala Żona tal-Baħar Partikolarment Sensittiva għandha tgħin biex tiżgura li t-tkabbir tat-trasport marittimu u ta' attivitajiet oħra marittimi jkun sostenibbli.

## 3. L-Istrateġija: Il-qafas integrat biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku

L-analiżi mmexxija mill-Kummissjoni[3] turi:

- Huwa meħtieġ approċċ integrat għall-iżvilupp sostenibbli tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Il-kwistjonijiet huma interrelatati: pereżempju, titjib lill-kwalità tal-baħar joħloq iktar impiegi minħabba li jkun hemm iktar potenzjal ta' negozju tal-baħar, li jkun jeħtieġ rotot ta' trasport aħjar. Permezz ta' strateġija integrata, kulħadd jista' jibbenefika minn approċċ komuni.

- L-ingredjenti ewlenin huma koordinazzjoni aħjar u użu iktar strateġiku tal-programmi Komunitarji, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi, biex jiżguraw li l-fondi u l-politiki fir-reġjun jikkontribwixxu bis-sħiħ għall-istrateġija. Barra minn hekk, ir-riżultati ta' programmi ta' riċerka fiż-żona għandhom ikun integrati bis-sħiħ fi programmi u oqsma politiki oħra.

- Fi ħdan il-qafas finanzjarju u legali, hemm opportunitajiet kbar għal azzjoni effettiva permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni iktar mill-qrib.

- Jinħtieġu azzjonijiet speċifiċi biex jirrispondu għal sfidi identifikati. Dawn għandhom isiru mill-partijiet interessati fir-reġjun, fosthom gvernijiet u aġenziji, muniċipalitajiet, organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi.

- L-istrateġija hija waħda interna indirizzata lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha. L-effettività ta' xi wħud mill-azzjonijiet proposti se jitjiebu billi titkompla l-kooperazzjoni kostruttiva mal-pajjiżi terzi interessati fir-reġjun. L-istrutturi eżistenti li jiffunzjonaw sew, notevolment iżda mhux esklussivament fi ħdan id-Dimensjoni tat-Tramuntana, jipprovdu qafas biex l-UE tfittex aktar kooperazzjoni ma' dawn il-pajjiżi.

Għalhekk l-istrateġija għandha tipprovdi qafas integrat li tippermetti lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jidentifikaw il-ħtiġijiet u jqabbluhom mar-riżorsi disponibbli permezz ta' koordinazzjoni tal-politiki xierqa. Dan għandu jgħin lir-Reġjun tal-Baħar Baltiku biex igawdi minn ambjent sostenibbli u żvilupp ottimali u soċjali.

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi pjan ta' azzjoni indikattiv, diskuss bis-sħiħ mal-Istati Membri u l-partijiet interessati reġjunali, biex tħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' proġetti viżibbli. Il-pjan ta' azzjoni huwa organizzat madwar erba' pilastri. Din, madankollu hija strateġija integrata; l-azzjonijiet proposti ta' spiss jikkontribwixxu għal iktar minn għan wieħed identifikat. L-azzjonijiet individwali u l-proġetti ewlenin intgħażlu għall-implimentazzjoni u l-impatt mgħaġġla tagħhom.

---

[3] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku: li ġejja.

## 4. SFOND U KUNTEST

### 4.1. Kopertura ġeografika

L-istrateġija tkopri l-makroreġjun madwar il-Baħar Baltiku. Il-limitu jiddependi fuq it-tema: pereżempju fir-rigward tal-kwistjonijiet ekonomiċi tinvolvi l-pajjiżi kollha tar-reġjun, u fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-kwalità tal-ilma tinvolvi ż-żona kollha fil-viċinanzi, eċċ.. Fuq kollox, tikkonċerna lit-tmien Stati Membri li jmissu mal-Baħar Baltiku. Hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni mill-qrib mal-UE u r-Russja sabiex titratta b'mod konġunt ħafna mis-sfidi reġjunali. L-istess ħtieġa għal kooperazzjoni kostruttiva tapplika wkoll għan-Norveġja u l-Belarus.

### 4.2. Politiki relevanti

Bosta politiki u programmi tal-Unjoni Ewropea huma importanti fir-reġjun u nistennewhom ikunu l-elementi ewlenin f'din l-istrateġija. Fost dawn hemm il-Politika ta' Koeżjoni, li tikkontribwixxi 'l fuq minn EUR 50 biljun fir-reġjun mill-2007-2013. Il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) tikkontribwixxi b'mod dirett EUR 1.25 biljun oħra. Il-Kummissjoni qed tippjana li taħdem flimkien mal-awtoritajiet amministrattivi biex tgħinhom jiżguraw li l-allokazzjonijiet jikkonformaw mal-istrateġija.

Ir-reġjun Artiku, is-suġġett ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni speċifika s-sena li għaddiet[4], għandha rabtiet qawwijin mar-Reġjun Baltiku permezz tal-interazzjoni tiegħu mar-Reġjun Barents Ewro-Artiku. Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Baħar Baltiku tal-Kummissjoni ta' Ħelsinki (HELCOM) jiggwidaw l-interventi fuq l-ambjent, filwaqt li jikkunsidraw il-politiki komuni tal-UE li jaffettwaw l-ambjent marittimu bħall-agrikoltura, is-sajd u t-trasport. Il-Politika Agrikola Komuni, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp rurali tikkontribwixxi għall-għanijiet li jagħmlu r-Reġjun tal-Baħar Baltiku post ambjentalment sostenibbli u prosperu. Il-politiki tas-Suq Waħdieni u l-Aġenda ta' Liżbona flimkien mal-Att tan-Negozji ż-Żgħar għandhom jipprovdu l-ispirazzjoni għall-partijiet rilevanti tal-istrateġija speċjalment fil-qasam marbut mal-prosperità filwaqt li ż-Żona Ewropea ta' Riċerka, flimkien mal-istrument ta' finanzjar tagħha, is-Seba' Programm ta' Qafas (7PQ), għandha tipprovdi bażi xjentifika soda għall-immaniġġjar sostenibbli tal-baċir tal-Baħar Baltiku. In-Netwerks TransEwropej għat-Trasport u l-Enerġija huma s-sinsla tal-pilastru tal-aċċessibilità u l-attrazzjoni. Barra minn hekk, il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku joffri appoġġ finanzjarju addizzjonali importanti għal bosta proġetti tal-enerġija marbuta mal-infrastruttura fir-reġjun. Fejn relevanti se tiġi promossa kooperazzjoni mar-Russja fir-rigward tas-sajd skont il-qafas tal-ftehim bejn ir-Russja u l-UE dwar is-sajd.

## 5. REAZZJONI

Gwidati mill-pożizzjoni kważi unanima ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjonjiet, minn kull livell u tip ta' sieħeb, ilKummissjoni hija konvinta, li dawn l-isfidi u l-opportunitajiet jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar permezz ta' strateġija reġjunali multisettorjali integrata. Il-firxa ta' kwistjonijiet twassal biex dan ikun każ ideali għall-applikazzjoni ta' approċċ territorjali ta' koeżjoni, kif mitlub f'laqgħa informali tal-Ministri f' Leipzig fl-2007.

---

4 "L-unjoni Ewropea u r-Reġjun Artiku", COM(2008) 763 tal-20.11.2008

Ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa eżempju tajjeb ta' makroreġjun – żona li tkopri għadd ta' reġjuni amministrattivi iżda b'biżżejjed kwistjonijiet komuni biex jiġi ġġustifikat approċċ strateġiku wieħed. Oqsma oħra tal-Unjoni Ewropea qed jibdew jidentifikaw lilhom infushom bħala makroreġjuni u l-approċċ addottat f'din l-istrateġija għandha toffri lezzjonijiet importanti għall-potenzjal tal-approċċ makroreġjunali.

Dan segwa l-proposti territorjali ta' koeżjoni tal-Kummissjoni fil-Green Paper ta' Ottubru 2008, li permezz tagħhom jinbnew interventi madwar il-ħtiġijiet ta' reġjuni funzjonali iktar milli skont il-kriterji finanzjarji u amministrattivi predeterminati. Dan it-tip ta' approċċ makroreġjunali jipprovdi wkoll lill-UE bi strument ta' politika innovattiva, li jista' jservi bħala eżempju tajjeb ta' sforzi biex jintlaħqu għanijiet komuni tal-UE u koordinazzjoni iktar effettiva ta' politiki territorjali u settorjali bbażati fuq sfidi territorjali komuni.

Fl-istess mod, implimentazzjoni koerenti u proattiva tal-azzjonijiet marittimi fl-istrateġija se jkunu każ ta' prova importanti għall-implimentazzjoni reġjunali (baċir tal-baħar) tal-inizjattivi tal-Politika Marittima Integrata.

Nistgħu niġbru l-azzjonijiet meħtieġa fl-erba' pilastri t'hawn taħt minbarra taqsima li tindirizza l-kwistjonijiet orizzontali. Dan r-raggruppament qed isir biss biex titħaffef l-analiżi: kull pilastru huwa marbut ma’ firxa wiesgħa ta' politiki u għandu jkollu impatti fuq il-pilastri l-oħra.

## 5.1. Reġjun ambjentalment sostenibbli

Il-Baħar Baltiku huwa wieħed mill-ikbar mases ta' ilma salmastru (parzjalment mielaħ) fid-dinja b'differenzi ta' salinità sinifikanti bejn is-subbaċiri. Dan huwa relattivament baxx (fond medju ta' 50 metru meta mqabbel mal-1500 metru fond tal-Mediterran) u kważi kompletament magħluq. 3% biss mill-ilma (bil-volum) jiġi mibdul kull sena - jiġifieri jieħu iktar minn 30 sena għall-volum totali. Ix-xmajjar ibattlu żona ta' art erba' darbiet ikbar mill-baħar innifsu b'popolazzjoni ta' kważi 90 miljun.

Il-karatteristiċi uniċi tal-Baħar Baltiku, u l-pressjonjiet ambjentali, jitolbu approċċ makroreġjonali biex jiġġieldu d-deterjorazzjoni fit-tul. Dan ilu li ġie rikonoxxut, anke permezz ta' azzjoni konġunta fil-HELCOM, għalkemm hemm ħtieġa għal iktar koordinazzjoni fost il-politiki settorjali.

**Kwistjonijiet ewlenin li jikkonċernaw l-ambjent marittimu**

Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li pressjonijiet bħat-tniġġis bin-nutrijenti, fil-biċċa l-kbira nitrati u fosfati, ma jistgħux jiġu assorbiti iżda għandhom impatti rapidi u viżibbli. Ir-riżultat huwa li l-alka tossika kull ma tmur dejjem qiegħda tiżdied, u kull sajf qed tkopri iktar mill-baħar. Dawn l-alki jikkunsmaw l-ossiġnu għas-spejjeż tal-ħut u forom oħra ta' ħajja. Din il-problema ilha bosta snin li ġiet rikonoxxuta iżda s'issa l-inizjattivi meħuda ma kinux effettivi biżżejjed minħabba l-pressjoni żejda tal-popolazzjoni, il-mira insuffiċjenti tal-miżuri agrikoli għaż-żoni agrikoli intensivi u perjodu ta' żmien qabel mal-miżuri juru riżultati suffiċjenti.

L-attivitajiet tas-sajd għandhom impatt sinifikanti ieħor fuq l-ekosistema. L-istokkijiet ta' xi speċi naqqsu ħafna u ċerti prattiki tas-sajd qed iwasslu għal qbid inċidentali ta' speċi mhux fil-mira jew sabiex jinqerdu l-ambjenti naturali. It-twaqqif ta' approċċ ta' maniġment ibbażat fuq ekosistema, kif propost skont ir-riforma tal-PKS, u l-użu ta' dispożizzjonijiet tal-PKS biex jitnaqqas l-effett tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar għandhom jappoġġjaw il-konservazzjoni tal-

ekosistema Baltika billi jitqies il-Pjan ta' Azzjoni tal-Baħar Baltiku HELCOM. Il-flotta tas-sajd għandha tkun f'bilanċ mar-riżorsi disponibbli.

Il-Pjan ta' Azzjoni jkopri l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: (1) Biex ikun hemm tnaqqis tal-introduzzjoni ta' nutrijenti għal-livelli aċċettabbli; (2) Biex jiġu pprezervati ż-żoni naturali u l-bijodiversità inkluż is-sajd; (3) Biex jitnaqqas l-użu u l-impatt ta' sustanzi perikolużi; (4) Biex isir reġjun mudell għal trasport marittimu nadif; (5) Biex il-bidla fil-klima tiġi bbilanċjata u adattata.

### 5.2. Reġjun prosperu

Ir-reġjun huwa magħqud permezz tal-baħar. Iżda jidher biċ-ċar li huwa maqsum bejn it-Tramuntana u l-Punent li huma prosperi u innovattivi ħafna u l-Lvant u n-Nofsinhar li qed jiżviluppaw. Madankollu, id-differenzi bejn ir-reġjunijiet l-iktar innovattivi fl-UE, fil-pajjiżi Nordiċi u l-Ġermanja u r-reġjuni b'żgħażagħ b'edukazzjoni tajba u infrastruttura defiċjenti fil-Polonja u t-tliet Stati Baltiċi, jipprovdu opportunitajiet għal kooperazzjoni komplementarja u żvilupp ta' benefiċċju kbir għal kull naħa. B'mod partikolari, kooperazzjoni bħal din għandha tipprovdi opportunitajiet ta' negozju reali lill-SMEs speċjalment dawk li jaħdmu fl-oqsma innovattivi.

L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja kriżi ekonomika severa. Teħtieġ li min-naħa tapprofitta mis-suq intern u min-naħa l-oħra timmassimizza l-opportunitajiet li toffri l-innovazzjoni. L-istrateġija toffri l-opportunità biex jitnaqqsu iktar l-ostakoli għall-kummerċ u jinkisbu iktar benefiċċji mis-Suq Waħdieni u biex jiġi sfruttat il-potenzjal tad-disparitajiet wiesgħa u innovattivi. Barra minn hekk, huwa importanti li jinżammu l-profitabilità u l-kompetittività tas-setturi ewlenin tal-agrikoltura, il-foresterija u s-sajd sabiex jittejjeb il-kontribut tagħhom lill-ekonomija u l-iżvilupp sostenibbli.

Sabiex jinkisbu produttività għolja, livelli għolja ta' innovazzjoni u tkabbir ekonomiku sostenibbli, ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku jeħtieġ ukoll li jkabbar l-inklużjoni u l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol. Il-livelli għolja ta' impjieg, ix-xogħol ta' kwalità tajba, il-preżenza kontinwa ta' forza tax-xogħol imħarrġa sew u adattabbli kif ukoll il-livelli baxxi ta' esklużjoni soċjali huma kollha fatturi vitali biex jiżguraw kemm il-kompetittività kif ukoll l-attrazzjoni tar-reġjun.

**Kwistjonijiet li jikkonċernaw il-prosperità**

**Biex jitneħħew l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ:** Minħabba s-swieq nazzjonali żgħar fil-Baltiku, huwa essenzjali li jittejjeb l-ambjent tan-negozju biex jistimula l-iżvilupp ta' intrapriżi lokali u jattira investituri barranin. Minkejja s-suq intern, għadhom jeżistu ostakoli prattiċi għan-negozju tal-oġġetti u servizzi. Konsultazzjonijiet u analiżi mwettqa biex iħejju r-Reviżjoni tas-Suq Waħdieni 2007 juru li f'xi oqsma u setturi l-qafas legali tas-Suq Waħdieni għadu mhux qed jaħdem tajjeb kemm jista' jkun. It-titjib se jkun partikolarment importanti għall-SMEs kif kien diġà rikonoxxut mill-Att tan-Negozji ż-Żgħar. Jinħtieġu wkoll sforzi biex jiġi ffaċilitat iċ-ċaqlieq transkonfinali tal-oġġetti u l-komunikazzjoni amministrattiva.

**Titkattar l-innovazzjoni:** Id-diviżjoni bejn il-Lvant u l-Punent fil-kapaċità ta' innovazzjoni madwar il-Baħar Baltiku hija riflessa fl-aħħar Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (TVI 2007). It-trasferiment tal-għarfien u l-kompetenza u kooperazzjoni iktar mill-qrib min-naħa tal-pajjiżi Nordiċi u l-Ġermanja bħala dawk bl-aħjar prestazzjoni fl-innovazzjoni jista' jgħin ħafna lill-Polonja u lill-Istati Baltiċi biex ikomplu jlaħħqu mal-oħrajn. Flimkien nistgħu noħolqu ambjent dinamiku għal prestazzjoni aħjar fl-innovazzjoni billi nsaħħu l-

kooperazzjoni transnazzjonali fl-oqsma differenti bħall-inovazzjoni fir-riċerka, ir-raggruppamenti u s-servizzi.

Il-Pjan ta' Azzjoni jkopri l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: (1) Biex jitneħħa t-tfixkil għas-suq intern fir-reġjun tal-Baħar Baltiku; (2) Biex jiġi sfruttat il-potenzjal tar-reġjun fir-riċerka u l-innovazzjoni; (3) L-implimentazzjoni tal-Att tan-Negozji ż-Żgħar: Biex tiġi promossa l-intraprendenza, jissaħħu l-SMEs u jiżdied l-użu effiċjenti tar-riżorsi umani; (4) Biex jirrinforzaw l-agrikoltura sostenibbli, il-foresterija u s-sajd.

### 5.3. Reġjun aċċessibbli u attraenti

Il-Baħar Baltiku nnifsu, u l-art li tinsab fil-baxx ta' madwaru, provdew rotot għall-kummerċ u l-komunikazzjoni matul l-istorja. Id-diviżjoni ta' wara l-1945 kienet interruzzjoni fil-mudell ta' kuntratti miftuħa li reġa' tkompla fis-snin disgħin. Fl-aħħar żewġ deċennji kien hemm investiment qawwi iżda għad hemm ħafna xi jsir qabel ma' l-iddottar infrastrutturali jilħaq il-livelli milħuqa xi mkien ieħor fl-Unjoni. Ir-rotot tal-art u tal-baħar għad għandhom bżonn li jsiru iktar sempliċi u li jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent. Il-Lvant u t-Tramuntana baqgħu wisq iżolati mill-bqija tal-Unjoni. Ir-reġjun kull ma jmur iktar qed isir ta' portal għall-Ażja, speċjalment permezz tal-binarji tal-ferroviji.

Il-forniment tal-enerġija u s-sigurtà huwa ta' tħassib partikolari. għalkemm xi pajjiżi fir-reġjun għandhom sorsi indiġeni sostanzjali ta' enerġija, bosta jistrieħu fuq l-importazzjonijiet. Għalhekk, l-interkonnessjonijiet għandhom jiġu żviluppati u diversifikati aktar biex jibbilanċjaw xi interruzzjonijiet jew ċaqlieq ieħor. Ir-relazzjonijiet umani huma importanti wkoll u jistgħu jissaħħu permezz ta' azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-turiżmu u s-saħħa.

**Kwistjonijiet ewlenin dwar it-trasport u l-enerġija**

**Trasport:** L-aċċessibilità hija baxxa f'ħafna partijiet tar-reġjun: Il-Finlandja ta' Fuq, l-Iżvezja u l-Istati Baltiċi għandhom l-iktar rati baxxa ta' aċċessibilità fl-Ewropa kollha kemm fir-relazzjonijiet interni kif ukoll f'dawk esterni. Il-kawżi huma d-daqs kbir tar-reġjun, li jirriżulta f'distanzi u ħinijiet twal ta' vjaġġar u kondizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi diffiċli. Densità baxxa ta' infrastruttura jew servizzi timplika prezzijiet għoljin. It-titjib għandu jsir permezz ta' mezzi sostenibbli ta' trasport.

**Enerġija**: Is-swieq tal-enerġija m'għandhomx l-infrastrutturi xierqa u huma orjentati wisq lejn il-livell nazzjonali minflok ma huma konnessi mar-reġjun kollu. Dan joħloq riskji u prezzijiet ogħla għall-enerġija. Barra minn hekk, biex is-suq intern tal-enerġija jiffunzjona sew, il-pajjiżi għandhom bżonn ikunu interkonnessi. Madankollu, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jibqgħu, bl-eċċezzjoni tal-wajer tad-dawl Estlink bejn l-Estonja u l-Finlandja, essenzjalment iżolati min-netwerks tal-Unjoni Ewropea.

Il-Pjan ta' Azzjoni jkopri l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: (1) Biex itejjeb l-aċċess għas-swieq tal-enerġija, u l-effiċjenza u s-sikurezza tagħhom. (2) Biex jittejbu l-binarji tat-trasport interni u esterni; (3) Biex tinżamm u tiġi rinforzata l-attrazzjoni tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni, it-turiżmu u s-saħħa.

### 5.4. Reġjun sikur

Is-sikurezza u s-sigurtà tal-ambjent tar-reġjun se jkompli jkollu bidliet sinifikanti fis-snin li ġejjin: It-traffiku marittimu huwa mistenni li jiżdied u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' inċidenti u vulnerabilità għat-tniġġis. Il-kooperazzjoni diġà teżisti, iżda għandha tissaħħaħ sabiex ir-

reġjun ikun minn ta' quddiem fis-sikurezza u s-sigurtà marittima. Diżastru tal-baħar ieħor bħal dak tal- 'Erika' jħalli effett katastrofiku. L-espansjoni u ż-żieda fil-kooperazzjoni tal-UE fil-kwistjonijiet kriminali jfissru li l-attività reġjunali fil-ġlieda kontra l-krimnalità għandha tiffoka fuq kooperazzjoni transkonfinali prattika u intensifikata. Finalment, ir-reġjun għandu jħejji ruħu għal żieda mistennija fl-avvenimenti estremi tat-temp bħala riżultat tal-bidla fil-klima.

**Kwistjonijiet ewlenin dwar is-sikurezza u s-sigurtà**

**Tniġġis tal-baħar aċċidentali jew intenzjonali:** Minħabba l-pożizzjoni strateġika tiegħu, ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa rotta naturali għat-trasport taż-żejt, b'mod partikolari mir-Russja. Bejn l-1995 u l-2005, il-kunsinni taż-żejt fil-Golf tal-Finlandja żdied b'erba' darbiet u t-tkabbir sinifikanti huwa mistenni li jkompli. Hemm ukoll tendenza li kull ma tmur dejjem qed tikber lejn it-trasport tal-gass naturali likwifikat. Dawn l-attivitajiet huma riskjużi għall-ambjent, speċjalment fil-kundizzjonijiet diffiċli tax-xitwa. Fl-2007 kien hemm 120 inċident ta' bastimenti fil-Baħar Baltiku. Għad hemm bżonn ta' iktar azzjonijiet sabiex jittejbu l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-koerenza tas-sikurezza tal-baħar u l-aġenziji tas-sorveljanza u r-rispons għad-diżastri.

**Il-kriminalità transkonfinali** It-tendenzi tal-kriminalità tar-reġjun huma influwenzati mil-lok ġeografiku tiegħu, il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali differenti, id-differenza fil-prezzijiet ta' prodotti soġġetti għas-sisa, flimkien mal-ftuħ u l-faċilità ta' aċċess fi ħdan ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku li jagħmel parti mir-relazzjonijiet intraKommunitarji. Dawn il-fatturi jqiegħdu responsabbiltajiet speċjali fuq dawk l-Istati Membri b'konfini esterni, speċjalment mindu tneħħew il-verifiki tal-konfini interni. L-Istati Membri kollha għandhom bżonn jieħdu miżuri ta' kooperazzjoni biex jissalvagwardjaw is-sigurtà interna.

Il-Pjan ta' Azzjoni jkopri l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: (1) Biex isir reġjun minn ta' quddiem fis-sikurezza u s-sigurtà marittima; (2) Biex jissaħħaħ il-ħarsien mill-emerġenzi kbar fil-baħar u fuq l-art; (3) Biex jitnaqqas il-volum tal-kriminalità transkonfinali, u l-ħsara li tirriżulta minnha.

## 5.5. Azzjonijiet orizzontali

Għadd ta' azzjonijiet trasversali huma fundamentali għall-istrateġija kollha kemm hi. Dawn jinkludu l-iżvilupp ta' strutturi integrati ta' governanza marittima u ppjanar spazjali bbażat fuq il-baħar u fuq l-art. Il-proġett BONUS-169 li jgħaqqad approċċ ta' ekosistema ma' interfaċja effettiva ta' xjenza/politika ffinanzjata skont l-PQ7 huwa ċentrali għas-suċċess tal-istrateġija.

## 6. IMPLIMENTAZZJONI U GOVERNANZA — MINN KLIEM GĦAL AZZJONIJIET

### 6.1. Il-proċess ta' konsultazzjoni

Il-Kummissjoni impenjat ruħha fi proċess ta' konsultazzjoni intensiva li kellha tliet komponenti prinċipali: non-dokumenti minn gvernijiet u entitajiet uffiċjali oħra fir-reġjun; avvenimenti tal-partijiet interessati biex jippermettu lill-parteċipanti uffiċjali, l-NGOs u dawk mis-settur privat jikkontribwixxu bl-għarfien espert tagħhom; konsultazzjoni pubblika permezz tal-websajt Europa li siltet rispons wiesa' ħafna.

Il-messaġġi kienu ċari:

- Mhemmx istituzzjonijiet ġodda. Ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandu ħafna strutturi kooperattivi: m'għandniex noħolqu istituzzjonijiet ġodda li jistgħu jimponu iktar spejjeż amministrattivi mingħajr ma jagħtu azzjoni attiva.

- Mhux strateġija biss. Għandu jkun hemm azzjonijiet – azzjonijiet konkreti u viżibbli – biex jingħelbu l-isfidi li qed jiffaċċja r-reġjun. Fil-pjan ta' azzjoni tagħha, għalhekk, il-Kummissjoni tinsisti li l-Istati Membri u partijiet interessati oħra jieħdu responsabbiltà bħala sħab għal oqsma speċifiċi ta' prijorità u proġetti ewlenin, pereżempju billi jiżviluppaw strutturi integrati ta' governanza marittima f'konformità mal-Approċċ Integrat għall-Politika Marittima.

- L-involviment tal-Kummissjoni Ewropea. Dan għandu jmur lil hinn mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' finanzjar u t-traspożizzjoni tad-Direttivi. Il-Kummissjoni tista' tissodisfa l-ħtieġa għal entità indipendenti u multisettorjali li tista' tiggarantixxi l-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu meħtieġ tal-pjan ta' azzjoni kif ukoll l-aġġornament regolari tal-pjan u l-istrateġija kif meħtieġ.

### 6.2. Il-proposti ta' governanza u implimentazzjoni

Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, u l-ħtieġa għal approċċ flessibbli bil-ħsieb ta' firxa wiesgħa ta' azzjonijiet, aħna nagħmlu l-proposti li ġejjin dwar il-governanza u l-implimentazzjoni:

- **Żvilupp ta' politika:** Hekk kif l-Istati Membri jingħaqdu biex jikkooperaw fuq miżuri konkreti, il-monitoraġġ ġenerali se jkun fi ħdan l-istrutturi Komunitarji, permezz ta' rapporti perjodiċi u l-proposti għar-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni għall-Kunsill. Il-Kunsill Ewropew għandu jiġi aġġornat regolarment dwar il-progress tal-istrateġija.

- Il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-**koordinazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportaġġ, il-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni u l-aġġornament**. Fi sħubija mal-partijiet interessati fir-reġjun, hi għandha tħejji rapporti ta' progress regolari, u tuża s-saħħa tal-inizjattiva tagħha li tagħmel proposti għall-adattazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni fejn dawn huma meħtieġa. Il-koordinazzjoni għandha żżomm kont ta' kif l-użu ta' dawn il-fondi qed jikkontribwixxi għall-prioritajiet ta' din l-istrateġija. Reviżjoni tal-valur miżjud Ewropew tal-istrateġija u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni huwa previst għall-2011.

- **L-implimentazzjoni fuq il-post** – ir-responsabbiltà tas-sħab diġa attivi fir-reġjun – se jiġu kkonformati iktar mal-għanijiet u l-miri tal-istrateġija. Il-Kummissjoni se taħdem bi sħab

mal-istituzzjonijiet, l-Istati Membri u r-reġjuni l-oħra, l-istituzzjonijiet internazzjonali tal-iffinanzjar, l-entitajiet tal-programmar transnazzjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħal HELCOM biex tidentifka l-entitajiet ta' koordinazzjoni fil-livell ta' oqsma ta' prijorità u tmexxi l-isħab għal proġetti ewlenin.

- Sabiex jinżamm il-livell għoli ta' involviment tal-partijiet interessati kollha fir-reġjun li kien evidenti b'mod ċar waqt l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni, se jsir **forum annwali** biex jgħaqqad flimkien l-imsieħba li jinsabu mħassba dwar aspetti differenti tal-istrateġija, inklużi dawk minn pajjiżi terzi interessati, biex jiġi revedut u diskuss il-progress tal-istrateġija u biex isiru rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni.

- Finalment, ir-**relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi** għandhom isiru primarjament permezz tad-Dimensjoni tat-Tramuntana bil-possibilità li jintużaw mezzi oħra meta meħtieġa.

### 6.3. Implimentazzjoni prattika

Dawn l-arranġamenti għandhom iħeġġu koordinazzjoni ta' politika effiċjenti, applikazzjoni iktar effettiva tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u koordinazzjoni aħjar tal-istrumenti ta' finanzjar. Il-Kummissjoni mhijiex qed tipproponi finanzjar addizzjonali jew riżorsi oħra f'dan iż-żmien. Madankollu, xi azzjonijiet u proġetti speċifiċi se jeħtieġu appoġġ finanzjarju. Sors ewlieni jikkonsisti mill-Fondi Strutturali[5] disponibbli fir-reġjun – bosta programmi diġà jippermettu azzjonijiet previsti fl-istrateġija. L-awtoritajiet ta' programmar jistgħu jirrevedu l-kriterji ta' allokazzjoni u jiffaċilitaw l-għażla ta' proġetti konformi mal-istrateġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tilqa' modifiki xierqa tal-programmi meta meħtieġa.

Barra minn hekk, l-Istati Membri ftiehmu li jeżaminaw proġetti u azzjonijiet ta' finanzjar konformi mal-prijoritajiet tal-Istrateġija mir-riżorsi tagħhom stess. Il-Bank Ewropew ta' Investiment u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali oħra, bħall-Bank ta' Investiment Nordiku u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jistgħu jikkontribwixxu wkoll.

## 7. KONKLUŻJONI

Ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandu storja stabbilita ta' netwerking u kooperazzjoni f'bosta oqsma ta' politika. Din l-istrateġija toffri opportunità biex timxi minn kliem għal azzjoni u biex twassal benefiċċji reali lir-reġjun kollu.

L-analiżi deskritta hawn fuq turi l-ħtieġa għal viżjoni strateġika komuni biex tiggwida l-iżvilupp territorjali futur għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Huwa ċar li ħadd li jkun qed jaġixxi waħdu ma jista' japplika l-firxa ta' miżuri meħtieġa biex jiffaċċja l-isfidi u jisfrutta l-opportunitajiet tar-reġjun. Ninsabu konvinti li strateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku li tikkonsisti mill-approċċ u l-azzjonijiet deskritti hawn fuq huma essenzjali biex jipproteġu l-Baħar Baltiku u jisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet miftuħa għar-reġjun.

Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Kunsill jeżamina u japprova din il-Komunikazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni relatat.

---

5 Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Fond ta' Koeżjoni, Fond Soċjali Ewropew, Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, Fond Ewropew għas-Sajd.